# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar L-Erbgha 25 ta' Mejju, 2016

**Talba Nru:** 919/15 DMA

**Ekatrina Attard**
**(K.I. 66459A)**

**Vs**

**Rudy Grech**
**(ID. 165293M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta' Dicembru, 2015 fejn l-attur talab illi tghid ghaliex, inti, m'ghandekx tigi kkundannat thallas lill-attrici l-ammont ta' tlett elef, tmin mija u erbgha u erbghin Ewro u erbgha u sittin centezmu (€3,844.64) rapprezentanti sehemha mis-self li kien ghamillek il-mejjet Carmelo Attard li tieghu l-attrici hija l-armla huwa iben u eredi.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data ta' dan l-Avviz kontra l-konvenut, bl-ingunzzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat ipprezenta risposta fit-30 ta' Dicembru, 2015 fejn ecepixxa:

1. Preliminarjament, l-Inkompetenza ta din l-Onorabbli Tribunal 'ratione valoris' stante li l-ammont reklamet jezorta l-kompetenza.
2. Preliminarjament ukoll, in-nuqqas ta' interess gie kollu da parti tal-attrici.
3. Sussegwnetament u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi -:
   i. Il-hlas li kien dovut mill-konvenut lin-nannu matern tieghu Carmelo Attard (li minnu hija armla l-attrici) in segwitu ghall-bejgh ta' post li minnu l-imsemmi Carmelo Attard kellu sehem kien gie rinunzjat mill-istess Carmelo Attard, oltre li ma kien hemm ebda 'self' kif qed jigi allegat mill-attrici; u

   ii. Is-self li kien gie mifthem mill-istess Carmelo Attard lill-konvenut lill-konvenut fis-somma ta' elf ewro (€1,000) kien gie mahfur, u dank if l-attrici taf kien tnaqqas u kif ser jigi apparti ppruvat.

Bl-ispejjez.

L-attrici xehdet u resqet xhieda biex tispjega illi r-ragel taghha li jigi n-nannu tal-konvenut kien silfu xi flus. Hi tigi t-tieni mara tal-mejjet. L-attrici qed titlob flus minghand il-konvenut.

Mill-provi rrizulta illi l-attrici hija biss legetarja fit-testrat ta' zewgha. Ghalhekk l-attrici mhix qed tesgixxi taht il-kap ta' werrita u jidher illi ma jhalla l-ebda interess jirsidiku f'din il-kawza.

Il-mejjet nannu tal-konvenut kien ghadda dawn il-flus u ma kitibx li riedhom lura anzi sahansitra fit-testment kiteb illi hadd ma jattaka t-testment u lanqas donazzkoniet li kien ghamel f'hajtu.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-attrici ma ppruvatx il-kaz ghalhekk it-Tribunal jichad it-talba attrici.

Spejjez tal-kawza jkun a karigu tal-attrici.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**